Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 60/10**

Il-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2010

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Ġurament solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

*Udjenza solenni tat-28 ta' Ġunju 2010*

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'deċiżjoni tas-26 ta' April 2010, konformement mat-Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, innomina bħala Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Jan KINŠT, Kersti KALJULAID, Igors LUDBORŽS, Rasa BUDBERGYTÉ, Szabolcs FAZAKAS, Louis GALEA, Augustyn KUBIK, Milan Martin CVIKL u Ladislav BALKO għall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju 2010 u s-6 ta' Mejju 2016.

Wara r-riżenja ta' Máire GEOGHEGAN-QUINN mill-kariga tagħha ta' Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'deċiżjoni tal-31 ta' Marzu 2010, konformement mat-Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, iddeċieda li jinnomina lil Eoin O'SHEA bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri għat-tul tal-kumplament tal-mandat ta' Máire GEOGHEGAN-QUINN, jiġifieri sad-29 ta' Frar 2012.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żammet illum, fl-12:00, udjenza solenni li matulha l-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħadu ġurament solenni skont it-Trattati.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*